# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum is-6 ta' Marzu, 2018.**

**Rikors Numru 224/2012**

**Cassar *Fuels* Ltd.**
**(C – 28453)**

**vs.**

***Omega* Bunker S.rl.**
**(Kumpanija estera registrata**
**gewwa l-Italja)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat l-1 ta' Marzu, 2012, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti, tramite r-rapprezentant taghha hemm indikat, sintetikament esponiet is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi fuq ordni tas-socjeta` intimata, fl-20 t'Ottubru, 2011, bieghet u kkonsenjat lill-vapur "m/v Voruta", kwantita` ta' *fuel oil* ghall-prezz ta' mija disgha u sittin elf erba' mija u ghoxrin dollar Amerikan, (USD169,420.00), (ara foll 4 sa 7);

1.2. Illi fuq ordni tal-istess socjeta` intimata, fit-22 t'Ottubru, 2011, regghet bieghet u kkonsenjat lill-vapur "m/v UNLU 5", kwantita` ta' *fuel oil* ghall-prezz ta' sitta u erbghin elf, mija u sebghin dollaru Amerikan, (USD46,170.00), (ara foll 8 u 9);

1.3. Illi ghalhekk is-socjeta` intimata ghandha thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma komplessiva ta' mitejn u hmistax -il elf, hames mija, u disghin dollar Amerikan, (USD215,590.00), ekwivalenti ghal mija tnejn u sittin elf, disa' mija u tmienja u sebghin euro, (€162,978.00);

1.4. Illi ghalkemm interpellata biex thallas l-ammont komplessiv indikat fil-paragrafu precedenti s-socjeta` intimata baqghet inadempjenti;

1.5. Illi l-ammont mitlub mis-socjeta` rikorrenti hu cert, likwidu u dovut, u jikkonkorru l-elementi indikati fl-artikli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, (minn issa 'l quddiem, Kap 12);

1.6. Illi in vista tal-premess aderiet din il-qorti biex din:

1.6.1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smigh;

1.6.2. Tiddikjara li s-socjeta` intimata ghandha taghti lis-socjeta` rikorrenti is-somma ta' €162,978.00 kif fuq indikat, oltre l-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-effettiv pagament;

1.6.3. Tikkundanna lill-istess socjeta` intimata biex thallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti u dan, oltre l-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-effettiv pagament;

1.6.4. Bl-ispejjez, inkluzi l-imsemmija imghaxijiet kummercjali;

2. Rat id-digriet taghha datat it-8 ta’ Marzu, 2012, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 10);

3. Rat id-digriet sussegwenti taghha datat l-14 ta’ Marzu, 2012, fejn wara li irrilevat li s-socjeta` rikorrenti naqset li tressaq provi fir-rigward tal-procedura bil-giljottina minnha ippostulata, ordnat li l-kawza tiehu l-kors normali taghha, (ara foll 11);

4.0. Rat ir-risposta guramentata datata t-3 t’April, 2012, li permezz taghha s-socjeta` intimata irrispondiet ghat-talbiet tas-socjeta` rikorrenti bil-mod segwenti, (ara foll 16):

4.1. Illi r-rikors guramentat promotur sar bil-lingwa Maltija biss;

4.2. Illi n-notifika tal-istess hi proceduralment zbaljata u kontra r-Regolamenti (EC) Numru 1393/2007;

4.3. Illi r-risposta *de quo* qed issir biss biex ma tigix interpretata li baqghet kontumaci;

4.4. Illi ordnat il-*bunkers* minghand is-socjeta` rikorrenti biex jigu konsenjati lill-bastimenti VORUTA u UNLU 5 rispettivament;

4.5. Illi meta dawn il-*bunkers* gew konsenjati nstab li kienu kontaminati u mhux skont l-ispecifikazzjonijiet pattwiti, u b’hekk ma servewx ghall-uzu intiz;

4.6. Illi effettivament ikkagunat hsara fil-magni tal-bastimenti *de quo*;

4.7. Illi ghalhekk it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti ghandhom jigu respinti;

4.8. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti;

4.9. Salv risposti ulterjuri;

5. Rat id-digriet taghha datat it-12 t'Ottubru, 2016, li permezz tieghu, wara talba appozita' tal-abbli rapprezentant legali tas-socjeta` intimata, awtorizzat lill-partijiet biex jittrattaw il-kaz bil-modalita' u fit-termini hemm indikati, (ara foll 141), u kif sussegwentement estizi, (ara foll 152 u 163);

6. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` rikorrenti datata d-9 ta' Marzu, 2017, (ara foll 153), flimkien ma dik tas-socjeta` intimata datata l-11 t'Awwissu, 2017, (ara foll 176);

7. Semghet ix-xhieda prodotta;

8. Ezaminat id-dokumenti prodotti *in atti*, flimkien mad-dikjarazzjonijiet guramentati hemm ukoll ipprezentati;

9. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datat l-24 t'Ottubru, 2017, li permezz tieghu iddikjaraw li kienu qed jistriehu fuq in-noti ta' sottomissjonijiet minnhom ipprezentati, (ara foll 191);

Ikkunsidrat:

10.0. Illi in vista tal-premess il-fatti li taw lok ghall-procedura in dizamina jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

10.1. Illi s-socjeta` rikorrenti qed titlob li s-socjeta` intimata thallasha ghal zewg (2) konsenji ta' *"fuel oil"* uzati miz-zewg (2) bastimenti fuq riferiti, (ara paragrafi numru wiehed punt wiehed, (1.1.), u wiehed punt tnejn, (1.2.), aktar qabel);

10.2. Illi l-ordnijiet ghall-*"fuel oil"* in dizamina saru mis-socjeta` intimata, (ara foll 20 u 21);

10.3. Illi jirrizulta li z-zewg bastimenti in dizamina appuntaw lis-socjeta` intimata bhala *"bunker trader"* biex tixtri l-*"fuel oil" de quo* ghan-nom taghhom minghand is-socjeta` rikorrenti, (ara foll 20 u 21);

10.4. Illi skont il-fatturi pprezentati in atti, rispettivament datati l-20 u t-22 t'Ottubru, 2011, jirrizulta li s-socjeta` rikorrenti

ikkonsenjat il-*“fuel oil”* in dizamina hemm indikat lill-bastimenti fuq gia` riferiti, (ara foll 4 sa 9);

10.5. Illi *stante* li s-socjeta` intimata ghadha ma hallsitx l-ammont komplessiv ghall-konsenji *de quo* allura s-socjeta` rikorrenti qed titlob li tithallas minghandha l-ammont komplessiv ta’ €162,978.00, (ara foll 2);

Ikkunsidrat:

11.0. Illi min-naha taghha s-socjeta` intimata eccepiet li:

11.1. Il-*“fuel oil”* in dizamina kien kontaminat, (ara foll 16); u

11.2. Il-“*fuel* oil” in dizamina ma kienx skont l-ispecifikazzjonijiet pattwiti, (ara foll 16);

11.3. Illi rizultat tal-istess, sofriet hsarat fil-magni, (ara foll 16);

12. Illi konsegwenza tal-istess eccezzjonijiet inhatar espert tekniku biex jezamina l-istess *“fuel oil”*, (ara foll 71), li pprezenta r-relazzjoni tieghu fl-udjenza tat-13 ta’ Jannar, 2015, (ara foll 102);

Ikkunsidrat:

13.0. Illi l-istess espert tekniku jirrizulta li esegwixxa l-inkarigu lilu moghti bil-mod segwenti, (ara foll 103):

13.1. Illi biex jaghmel l-analizi tieghu kien ipprezentat b’erba’ (4) kampjuni – zewg (2) kampjuni minn kull bastiment in dizamina;

13.2. Illi l-kampjuni mill-bastiment M/V Voruta kienu ikkonsenjati lill-istess perit tekniku wara li kienu ttiehdu mill-*barge* bl-isem M/V Karol Wojtyla, (ara foll 61 u 103);

13.3. Illi dawn il-kampjuni ttiehdu bis-sistema maghrufa bhala *“continuous drip”*, (ara foll 89 u 103), li hi procedura *“standard”* f’dan ir-rigward, (ara foll 89);

13.4. Illi l-istess kampjuni kienu sussegwentement gew sigillati, (ara foll 89 u 107);

13.5. Illi l-kampjuni mill-bastiment M/V Unlu 5 ittiehdu mill-*"manifold"*, (ara foll 107);

13.6. Illi l-istess perit tekniku wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet, (ara foll 111):

13.6.1. Illi l-kampjuni pprezentati miz-zewg partijiet huma kompletament differenti minn xulxin;

13.6.2. Illi l-kampjuni lilhu suppliti mis-socjeta` rikorrenti jindikaw li l-konsenja tal-*"fuel oil"* in kwistjoni kienet konformi mal-ispecifikazzjonijiet in dizamina;

13.6.3. Illi l-kampjuni lilhu suppliti mis-socjeta` intimata jindikaw li l-konsenja tal-*"fuel oil"* in kwistjoni ma kienitx konformi mal-ispecifikazzjonijiet *de quo*;

Ikkunsidrat:

14. Illi s-socjeta` intimata teccepixxi wkoll preliminarajament li n-notifika tal-procedura odjerna hawn in dizamina ma kienitx effettwata skont il-ligi billi ir-rikors guramentat kien bil-lingwa Maltija biss, (ara foll 16);

15. Illi in vista tal-istess eccezzjoni indikata fil-paragrafu precedenti allura talbet li ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

Ikkunsidrat:

16. Illi *nonostante* l-eccezzjoni preliminari hawn in dizamina, is-socjeta` intimata xorta wahda ghazlet li tirrispondi ghat-talbiet tas-socjeta` rikorrenti (ara foll 16);

17. Illi f'dan ir-rigward issir riferenza ghas-sentenza tal-**Qorti tal-Appell** fl-ismijiet **Antoinette Vella vs. Kummissarju tal-Artijiet *et***, datata t-**13 ta' Lulju, 2001**, fejn f'dan ir-rigward gie ritenut is-segwenti:

> “…ma kien hemm l-ebda dubbju li n-notifika tal-atti kienet biss mezz biex tassigura li l-parti citata tkun konsapevoli tal-proceduri kontra taghha u titqieghed f’posizzjoni li tiddefendi ruhha. Jekk mill-atti jkun jirrizulta illi l-persuna notifikata kienet attwalment irceviet l-att u kienet ipprocediet biex tikkontesta permezz ta’ risposta skont il-ligi, l-att tan-notifika nifsu isir ghall-fini tal-process ghal kollox irrilevanti. Dan proprju ghaliex il-prezentata tar-risposta tkun tekwivali u kellha tigi interpretata bhala dikjarazzjoni tal-parti li tkun qed taghti ruhha b’notifika bl-att”;

18.0. Illi in vista tal-premess, gialadarba s-socjeta` intimata liberament ghazlet li tirrispondi wara li irceviet l-atti, u ikkontestat l-istess talbiet hemm kontenuti allura jirrizulta li:

18.1. Kienet konsapevoli tal-proceduri indirizzati fil-konfront taghha;

18.2. Ipprezentat id-difiza taghha kif dehrilha;

18.3. Illi tali risposta hi allura ekwivalenti ghal dikjarazzjoni li qeghda taghti ruhha b’notifikata bl-atti in dizamina indirizzati fil-konfront taghha;

19. Illi in vista tas-suespost, din l-ewwel eccezzjoni preliminari tas-socjeta` intimata ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

20.0. Illi fir-rigward tal-eccezzjonijiet l-ohra sollevati mis-socjeta` intimata, senjatament dawk rigwardanti:

20.1. Il-kontaminazzjoni tal-*“fuel oil”* lilha ikkonsenjat, u

20.2. L-ispecifikazzjonijiet hziena minnha allegat;

jinghad sintetikament is-segwenti:

20.2.1. Illi d-direttur manigerjali tas-socjeta` intimata jsosstni li l-*"fuel oil"* lilha ikkonsenjat fil-bastimenti in dizamina ma kienx idoneju billi kienu jikkontjenu l-ilma, (ara foll 144);

20.2.2. Illi kif isosstni l-espert tekniku fir-relazzjoni tieghi, hu inghata kampjuni differenti ghal kull bastiment, (ara foll 103);

20.2.3. Illi l-kampjuni pprezentati lill-istess espert tekniku kienu ikkonsenjati lilhu miz-zewg (2) kontendenti rispettivament, (ara foll 103);

20.2.4. Illi dawn il-kampjuni taw rizultati kontrastanti ghal xulxin, (ara foll 111);

Ikkunsidrat:

21. Illi l-istess espert tekniku jissottolinea li l-kampjun mill-bastiment M/V Voruta:

> "...was drawn by the barge's crew (countersigned and stamped by the receiving vessel) and according to the attached label this sample was drawn from the manifold. Sample was also sealed with a Cassar Fuel seal, which seal was found intact", (ara foll 108);

bl-istess japplika ghall-bastitment M/V Unlu 5, (ara foll 110);

22. Illi la l-istess kampjuni gew debitament certifikati li kienu *"sealed samples of barge"* allura hu ghaqli li anke din il-qorti tistrieh fuq l-istess konkluzjonijiet raggunti mill-espert tekniku minnha nominat, billi la jirrizultaw li kienu sigillati allura huma aktar ta' min jorbot fuqhom;

23. Illi in vista tal-premess din il-qorti m'ghandiex alternattiva hlief li tiskarta l-kampjuni ipprezentati mis-socjeta` intimata *stante* li dawn, peress li ma jirrizultax li kienu sigillati b'sigilli awtentikati taz-zewg partijiet in kontenzjoni, allura ma jittrasmettux dik is-sigurezza xjentifika li ma gewx b'xi mod kontaminati biex jiffalsifikaw ir-rizultanzi;

24. Illi konsegwentement tiddikjara li qed tistrieh biss u esklussivament fuq il-kampjuni ipprezentati lill-espert tekniku bis-sigilli intatti kif minnhu spjegat, liema kampjuni gew ipprezentati mis-socjeta` rikorrenti biss;

Ikkunsidrat:

25. Illi skont il-konkluzjoni tal-espert tekniku fir-rigward jirrizulta li l-kampjuni forniti mis-socjeta` rikorrenti biss irrizultaw li kienu konformi mal-ispecifikazzjonijiet pattwiti, (ara foll 111);

26. Illi konsegwentement, anke dawn ir-risposti tas-socjeta` intimata ghandhom jigu respinti;

Ikkunsidrat:

27.0. Illi minn ezami tal-fattura mmarkata Dok 'A', datata l-20 t'Ottubru, 2011, (ara foll 4), flimkien mad-dokumenti in konsenja tal-istess, (ara foll 5 sa 7), jirrizulta s-segwenti:

27.1. Illi s-socjeta` rikorrenti effettwat konsenja ta' 35,000 tunnellata metrika ta' *"fuel oil"* lis-socjeta` intimata;

27.2. Illi l-prezz tal-istess *"fuel oil"* indikat fil-paragrafu precedenti hu ta' USD169,420.00;

27.3. Illi l-istess *"fuel oil"* kien ikkonsenjat lill-bastiment M/V Voruta;

28.0. Illi minn ezami tal-fattura mmarkata Dok 'AB' datata t-22 t'Ottubru, 2011, (ara foll 8), flimkien mad-dokumenti in konsenja tal-istess, (ara foll 9), jirrizulta s-segwenti:

28.1. Illi s-socjeta` rikorrenti effettwat konsenja ta' 60,000 tunnellata metrika ta' *"fuel oil"* lis-socjeta` intimata;

28.2. Illi l-prezz tal-istess *"fuel oil"* indikat fil-paragrafu precedenti hu ta' USD46,170.00;

28.3. Illi l-istess "*fuel oil*" kien ikkonsenjat lill-bastiment M/V Unlu 5;

29. Illi l-ammonti indikati aktar qabel ghall-konsenja tal-*"fuel oil" de quo* ghadhom ma thallsux mis-socjeta` intimata lis-socjeta` rikorrenti;

30. Illi in vista tal-premess is-socjeta` intimata ghandha thallas l-ammont komplessiv ta' USD215,590.00 lis-socjeta` rikorrenti liema ammont hu ekwivalenti ghal €162,978.00;

Ikkunsidrat:

31.0. Illi jirrizulta ghalhekk assodat is-segwenti:

31.1. Illi l-*"fuel oil"* fuq riferit kien debitament ikkonsenjat lis-socjeta` intimata mis-socjeta` rikorrenti;

31.2. Illi s-socjeta` intimata ghadha ma hallsitx lis-socjeta` rikorrenti ghal *"fuel oil"* lilha minnha ikkonsenjat;

Ikkunsidrat:

32.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta` rikorrenti pprovat il-kaz taghha skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

32.1. Tiddikjara li s-socjeta` intimata ghandha taghti lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' mija tnejn u sittin elf disa' mija u tmienja u sebghin euro, (€162,978.00), oltre l-imghaxijiet kummercjali dovuti sad-data tal-effettiv pagament;

32.2. Tikkundanna lill-istess socjeta` intimata biex thallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti;

32.3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kummercjali dovuti skont il-ligi mill-1 ta' Marzu, 2012, (data li fiha gie pprezentat ir-rikors guramentat promotur), sad-data tal-effettiv pagament.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**